# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 4 8

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3387/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Arthur Abela**

**vs**

**Malta Environment and Planning Authority (MEPA)**

**Dwar allegata diskriminazzjoni u ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ftehim kollettiv.**

<u>Illum 1 ta' Novembru 2016</u>

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Arthur Abela pprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Awwissu 2015 tramite l-avukat Dottor Andrew Grima. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li wara decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali it-Tribunal kien jehtieglu jieqaf jopera ghal numru ta' xhur sa ma saru emendi fil-ligijiet relattivi.

<u>DIKJARAZZJONIJIET</u>

Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent jghid li huwa kien jokkupa l-grad ta' Principal Technical Officer fi hdan l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u Ippjanar (MEPA) meta fl-2003 kien gie sospiz wara li fuq rapport ta' certu Joseph Micallef huwa kien gie akkukzat b'reat kriminali (tixhim), u kienu inbdew proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Jghid li tul il-proceduri kriminali huwa kien sospiz mill-impieg u jirrizulta li ghall-ewwel huwa baqa' jircievi s-salarju shih, izda fl-2009 huwa gie riferut lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u minn dakinhar beda ircievi biss nofs is-salarju baziku tieghu. Jghid li imbaghad il-kaz kriminali inqata' mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta f'Ottubru 2013 (ghalkemm is-sentenza esebita turi li din inghatat fis-17 t'April 2013), fejn gie liberat mill-akkuzi ta' tixhim.

Jghid li l-Ftehim Kollettiv jistabbilixxi dritt favur il-haddiema li jikkwalifikaw sabiex jircievu numru ta' allowances, bhal 'overtime allowances', u ghalhekk qed jippretendi li gialadarba gie sospiz ingustament huwa xorta ghandu jiehu dawn l-allowances. Pero' l-MEPA hallsitu biss in-nofs tas-salarju baziku li kien inzammlu. Jghid li beda dawn il-proceduri biex jikkawtela d-drittijiet tieghu skond il-ligi.
Sussegwentement ir-rikorrent ipprezenta d-Dikjarazzjoni tal-Kaz b'dawn l-istess fatti.

Il-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) qajmet is-segwenti eccezzjonijiet:-
1) In-nuqqas ta' gurisdizzjoni/kompetenza tat-Tribunal Industrijali li jiehu konjizzjoni tal-azzjoni rikorrenti, in kwantu tali gurisdizzjoni/kompetenza tispetta lill-Qrati Ordinarji [skond is-sentenza *Mario Saliba v Direttur Generali (Dwana)* deciza mill-Prima Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' April 2014, - Rikors Mahluf 487/2011AE], u skond is-sentenza *Karmenu Vella vs General Workers Union* deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-11 ta' Novembru 2011 – Rikors Mahluf 774/09JZM)
2) Illi t-Tribunal Industrijali m'ghandux il-gurisdizzjoni/kompetenza jissindika d-decizjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, kif approvata mill-Onorevoli Prim Ministru, u li r-rikorrent qatt ma kkontesta, meta din ikkonkludiet illi "Mr Abela should only be refunded the basic salary which was withheld from him during the period of his termporary suspension."
3) In linea preliminari wkoll, u biss jekk jigu respinti l-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-perentorjeta/dekadenza tal-azzjoni li hi ghalhekk *fuori termine*

bit-trepass ta' erba' xhur skond l-artikolu 30 u 75(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Illi hemm nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti li jippromwovi l-azzjoni odjerna, billi hu thallas, ircieva u accetta, a saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu, is-salarju baziku shih dovut lilu ghall-perjoidu li fih hu kien sospiz penenti l-proceduri penali kontra tieghu;

5) Illi fil-mertu u subordinatament ghall-premess, ebda allowances minn dawk pretizi ma huma dovuti lir-rikorrent. Huwa qed jitlob *overtime allowance* ghal sahra li ma ghamilx, *mobile phone allowance* ghal servizz ta' telefon li ma uzax, hlas ta' *leave* meta l-anqas kien qed jidhol ghax-xoghol, *performance allowance* ghal meta ma hadimx, u promozzjoni li hi biss ipoteka.

6) Illi r-rikorrent m'ghandu ebda jedd naxxenti mill-Ftehim Kollettiv li jircievi l-allowances u l-hlasijiet pretizi minnu, u fir-rikors promotur huwa ma jindikax minn liema klawsola tal-Ftehim Kollettiv temergi l-pretensjoni tieghu, kif anqas juri kif gie deskriminat. L-Awtorita' la kisret xi dispozizzjoni tal-Ftehim Kollettiv u anqas iddiskriminat mar-rikorrent.

7) Illi l-fatt li r-rikorrent gie liberat mill-akkuzi kriminali istitwiti kontra tieghu mill-Pulizija Ezekuttiva ma jfissirx u ma jsegwix li "huwa gie sospiz ingustament" kif allegat fir-rikors. L-Awtorita' kellha bazi ragjonevoli u kienet gustifikata fl-azzjoni taghha fil-konfront tar-rikorrent.

8) Illi ma kinitx decizjoni tal-Awtorita' eccipjenti illi jinbdew proceduri kriminali kontra r-rikorrent. L-Awtorita, kif kienet obbligata taghmel, irreferiet il-fatti li ngiebu quddiemha lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-investigazzjoni tieghu, u kien dan tal-ahhar li ha d-decizjoni li jmexxi bi proceduri kriminali kontra r-rikorrent.

PRELIMINARI

Fil-waqt li fl-ewwel seduta t-Tribunal gie infurmat li ma kienx hemm tama li l-partijiet jiftehmu amikevolment, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 ir-Rikorrent ikkjarifika li t-talba tieghu hija ghall-hlas ta' beneficcji u allowances

li kienu jispettaw lir-rikorrenti fil-perjodu li huwa ghamel sospiz, liema beneficji u allowances huma stipulati fil-ftehim kollettiv vigenti bejn il-UHM u l-MEPA, u dan ghall-perjodu ta' Ottubru 2003 sa Gunju 2013.

Ghalhekk il-kaz ghadda biex jigu decizi l-ewwel erba' eccezzjonijiet preliminari; u din hija decizjoni proprju dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

## IL-PROVI MIGJUBA

Il-provi migjuba ghall-iskopjiet tal-eccezzjonijiet preliminari jikkonsistu fid-Dikjarazzjoni tal-Fatti tar-rikorrent u numru ta' dokumenti esebiti miz-zewg nahat. Pertinenti huma l-ittra tas-16 ta' Ottubru 2003 li biha l-MEPA issospendiet lir-rikorrent "on full Pay" , l-ittra tal-25 ta' Gunju 2009 li biha r-rikorrent gie infurmat li l-kaz tieghu tressaq quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghall-possibilita' ta' interdizzjoni, u li minn dakinhar fil-waqt li jibqa sospiz huwa kien ser jibda jithallas nofs is-salarju biss; ittra tad-19 ta' Lulju 2013 mill-avukat tar-rikorrent li biha, fil-waqt li gie rikonoxxut li f'Gunju 2013 l-MEPA hallset b'lura lir-rikorrent nofs is-salarju li kien mizmum pendenti l-proceduri kriminali, intalbu l-*lost benefits* referibbli ghal kemm huwa dam sospiz, konsistenti *f'qualification allowance*, *leave* li ma ttehidx, *mobile allowance*, *overtime* mitluf, *performance allowance* u *missed promotion*.

Gew prezentati ukoll zewg ittri ufficjali prattikament identici tat-3 ta' April 2014 u tas-6 t'Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab minn ghand il-MEPA "hlas u likwidazzjoni sofferti mill-mittent"; u gietipprezentata kopja informali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' April 2013 fejn Arthur Abela gie liberat mill-akkuzi migjuba kontrih.

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata hija li dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza/gurisdizzjoni jisma' u jiddeciedi dan il-kaz. L-Artikolu 75 tal-

Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta jelenka b'mod generali x'inhija l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. Apparti t-tkeccijiet allegati li jkunu ingusti, dan l-Artikolu jirreferi ghal kwestjonijiet li jaqghu taht Titolu I ta' din l-istess ligi, fejn allura nsibu l-protezzjoni tal-pagi. Pero' Artikolu 2 tal-istess ligi jaghmilha cara li "paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-artikolu 23, minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni. Igifieri sakemm wiehed ma jkunx qed iqajjem pretensjoni fuq il-paga bazika jew il-bonus statutorju (taht l-artikolu 23), hlasijiet ohra ma jaqghux fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. Din il-linja ta' interpretazzjoni tal-ligi hija pacifika fis-sentenzi tal-Qrati taghna. Ghalhekk meta bil-verbal tal-15 ta' Dicembru 2015 ir-Rikorrent ghamilha cara li t-talba tieghu hija ghall-hlas ta' beneficcji u allowances li kienu jispettaw lir-rikorrenti fil-perjodu li huwa ghamel sospiz, anke jekk dawn il-beneficji u allowances huma stipulati fil-ftehim kollettiv vigenti bejn il-UHM u l-MEPA, xorta r-Rikorrent ma setax jirrikorri ghand dan it-Tribunal, stante li dan il-forum mhux addett ghal biex jisma' u jiddeciedi dak l-ilment tieghu. Ghalhekk, fil-waqt li dan it-Tribunal jinnota li r-Rikorrent ghandu ostakoli ohra x'jissormonta, partikolarment it-tul ta' zmien li ha r-rikorrent biex fetah dan il-kaz meta fl-istess verbal tal-15 ta' Dicembru huwa ddikjara li t-talba tieghu tirreferi ghall-perjodu ta' Ottubru 2003 sa Gunju 2013, mhux mehtieg li dan it-Tribunal ikompli jiddelibera u jiddeciedi fuq it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' intimata.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni mqajma mill-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) u jiddikjara li huwa m'ghandux gurisdizzjoni jisma u jiddeciedi l-ilment tar-rikorrent kif tmqajjem fir-rikors promotur u spjegat fis-seduta tal-15

ta' Dicembru 2015. Fic-cirkostanzi huwa jastjeni milli jiddeciedi fuq it-tliet eccezzjonijiet l-ohra imqajma mill-Awtorita' intimata. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman